

Brussell, 26 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15916/25

STATIS 94
SOC 806
DELECT 179
SAN 774

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 7801 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'21.11.2025 li jissupplimenta l-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett <i>ad hoc</i> għall-2027 "Saħħa u benesseri mentali" fid-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 7801 final.

Mehmuż: C(2025) 7801 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2025
C(2025) 7801 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.11.2025

li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* għall-2027 “Saħħa u benesseri mentali” fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700¹ jistabbilixxi r-regoli komuni għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-persuni u l-unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fil-livell individwali miġbura minn kampjuni. Dan jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jispeċifikaw l-għadd u t-titlu tal-varjabbli tas-settijiet tad-data differenti. Skont l-Artikolu 6(2), l-għadd tal-varjabbli stabbilit fl-att delegat ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5% lill-għadd tal-varjabbli għal kull dominju ta' dawk li diġà huma meħtieġa mill-Kummissjoni (Eurostat) meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.

Fuq perjodu ta' sitt snin, id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien se jipprovdi: (a) data bażika; (b) data ta' kull tliet snin u ta' kull sitt snin; u (c) data dwar tliet suġġetti *ad hoc*. Skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256², is-suġġett *ad hoc* fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien li għalih trid tinġabar id-data fl-2027 hu "Saħħa u benesseri mentali".

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kkonsultat lil esperti nazzjonali fil-qasam tal-istatistika soċjali bħala parti mil-laqgħa tal-grupp ta' esperti dwar il-lista tal-varjabbli li trid tiġi inkluża fl-att delegat. Id-Diretturi Ewropej tal-Istatistika Soċjali ġew ikkonsultati f'Ġunju 2025. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (ILC) ġie kkonsultat f'Novembru tal-2024 u f'April 2025. Il-membri tat-task force "Żviluppi tal-metodoloġija tal-EU-SILC" ġew ikkonsultati fi Frar 2025.

Ġie kkonsultat ukoll il-grupp ta' esperti tal-"Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika". Il-Kummissjoni żammet ukoll lill-Parlament Ewropew lill-Kunsill infurmati dwar il-konsultazzjonijiet.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat hu maħsub biex jadotta l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* għall-2027, kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700.

Flimkien mal-varjabbli annwali inklużi fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2242, l-għadd tal-varjabbli li jridu jinġabru fl-2027 ma jaqbiżx b'aktar minn 5% lill-għadd tal-varjabbli miġbura għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700. Dan jissodisfa r-rekwiżit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700.

L-att delegat ma għandux implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

L-att delegat jikkonċerna materja marbuta maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għalhekk l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi estiża għaż-ŻEE.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj>).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi pjanar kontinwu pluriennali (ĠU L 54, 26.2.2020, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/256/2024-12-31).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.11.2025

li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* għall-2027 “Saħħa u benesseri mentali” fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għas-Semestru Ewropew² u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali³, b'mod partikolari dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu, il-faqar u l-eskluzzjoni soċjali. Jipprovdi wkoll informazzjoni għal diversi politiki oħra tal-Unjoni relatati mal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-faqar. Is-suġġett *ad hoc* “Saħħa u benesseri mentali” li jrid jinġabar fl-2027 għandu importanza ewlenija, fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Unjoni Ewropea tas-Sahha⁴ li tirrikonoxxi s-saħħa mentali bħala parti integrali mis-saħħa. Jenħtieġ li jiġu żviluppati statistika u indikaturi ġodda, u gradwalment jiġu inkorporati fit-tfassil tal-politika biex dawn ikunu jirriflettu ċerti kwistjonijiet bħal inugwaljanzi, is-saħħa fiżika u s-saħħa mentali, u biex ikunu jivvalutaw l-impatt tal-azzjonijiet u l-finanzjament.
- (2) L-għadd tal-varjabbli li jridu jinġabru ma jaqbiż b'aktar minn 5% lill-għadd tal-varjabbli miġbura għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, fil-mument meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700,

¹ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj>.

² Is-Semestru Ewropew hu l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u soċjali.

³ Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fl-2017 waqt is-Summit ta' Gothenburg. Il-Pilastru jstabbilixxi 20 prinċipju ewlieni li jiggwidawna lejn Ewropa soċjali b'saħħitha li tkun ġusta, inklużiva u mimlija opportunitajiet fis-seklu 21.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: naġixxu flimkien għas-saħħa tan-nies”, COM(2024) 206 final.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titlu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-rigward tas-suġġett *ad hoc* tal-2027 “Saħħa u benesseri mentali” għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.11.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN